MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 503/2012

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Attard)

vs

**John Sant**

iben Bartholomeo, imwieled Pieta', fil-25 ta' Marzu, 1974, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 585974(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotta kontra l-appellant John Sant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-5 ta' Marzu 2010 ghall-habta ta' 11:40a,m. Fil-Maghatab, limiti tan-Naxxar: -

1. ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu taz-zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Ottubru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat
l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt euro (€2500) u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellanti John Sant tat-2 ta' Novembru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforrna l-istess sentenza billi tikkonfermaha fejn in forza tal-istess l-esponent gie kkundannat biex ihallas multa ta' 2400 Euro pagabbli f'terrninu ta' sentejn u tirrevokaha fejn in forza tal-istess sentenza l-esponent gie skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal periodu ta' sena u minflok tinfliggi piena aktar idoneja u opportuna f'dan ir-rigward.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

L-esponenti jirritieni li huwa f'ebda stadju ma saq il-vettura tieghu fi triq pubblika. Di fatti huwa saq il-vettura tieghu fi sqaq ezattament kontigwu ghal xi rziezet li ghandhom ix-xatbiet li jaghtu ghal dana l-isqaq liema sqaq mhuwiex asfaltat u huwa mimli tumbati u zlivelli kbar u li ghalhekk tista' tigi uzata minn vetturi b'diffikulta' enormi. L-istess sqaq ma jintuzax mill-pubbliku izda mill-ftit gabillotti nkluz l-esponent li ghandhom l-irziezet taghhom f'dak il-lok. Fil-fatt dawn il-gabilotti nkluz l-esponent joriginaw mill-istess familja. Sa fejn jaf l-esponent dana l-isqaq huwa privat u sa recentement kien hemm anke tabella li twissi lill-pubbliku biex ma jidholx fih. Dana 1-isqaq huwa adjacenti ghall-propieta' privata gestita mill-Wasteserve u precisament ghal triq li taghti ghall-mizien riferit li mhix triq pubblika. Sa fejn jaf l-esponent l-inhawi immedjati li jinsabu biswit ghal u li jwasslu ghal din it-triq (li taghti ghall-mizien) hija propjeta' privata ghalkemm tintuza mill-esponent u mill-gabillotti l-ohra biex jaccedu ghat-triq principali li tghaddi minn quddiem il-Wasteserve u naturalment mill-utenti li jmorru jarmu l-iskart fl-impjanti tal-Wasteserve. Il-manuvra li gharnel l-esponent kienet tinvolvi li huwa jikser mill-isqaq u jidhol fit-triq immedjatament adjecenti li twassal ghall-mizien riferit u li tinsab fil-limiti tal-propieta' gestita mill-Wasteserve.

*Konsegwentement, fil-fattispeci ta' dan il-kaz fejn l-esponent ried jarrni xi skart li kellu fil-vettura tieghu u li saq din il-vettura mill-imsernrni sqaq,li mhix uzata mill-pubbliku u dahal*

*minnufih fi propieta' privata gestita mill-Wasteserve ma setghax iwassal ghal htija fil-konfront tal-akkuzi dedotti kontra tieghu billi f'dawn ic-cirkostanzi ma kienx tenut li jkopri l-UZLl ta' din il-vettura minn polza ta' assigurazzjoni jew li jgedded il-licenzja tal-vettura tieghu.*

*Sussidjarjament f'kaz li s-sentenza moghtija fl-Ewwel Grad tigi konfermata ghandu jkun hemm temperament fil-piena f'dak li jirrigwarda l-iskwalifika tal-esponent mill-licenzji kollha tas-sewqan. Di fatti l-esponent huwa l-uniku iben tal-genituri tieghu li t-tnejn huma morda serjarnent u fil-fatt missieru huwa affett mill-kancer filwaqt li ommu ma tistghax timxi u in oltre ghandha disturbi serji fid-demm. Minhabba f'hekk l-esponent mhuwiex qed jahdem anke minhabba l-fatt li huwa jinhtieg li jwassal lill-genituri tieghu bil-karozza tieghu fl-Isptar Mater Dei u u fl-Isptar Boffa regolarment kull gimgha biex jigu nvistati oltre l-fatt li jinhtieg li jixtri mill-ispizeriji jew jakkwista mill-imsemmija sptarijiet il-medicini numeruzi li l-genituri tieghu jiehdu u jaqdihom f'kull ma jkollhom bzonn. F'dawn ic-cirkostanzi l-iskwalifika tal-esponent mill-licenza tas-sewqan certament taghti lok ghal sitwazzjoni li tista' tkun ta' theddida ghal sahhet il-genituri tieghu jekk mhux ghal hajjithom ukoll billi I-esponent ma jkunx jista' jaqdi l-bzonnijiet impellenti aktar "il fuq riferiti fl-interess tal-genituri tieghu.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi r-rikors ta' l-appell intavolata mill-appellant John Sant jirrigwarda fatti ta' kawza ohra li kellhu l-istess appellant u anki r-ragunijiet ta' dan l-appell ma ghandhom xejn x'jaqsmu mal-meritu tal-fatti esposti mill-ewwel Qorti.

Ghaldastant, ghal dawn ir-ragunijiet u wara li rat l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali tiddikjara l-appell irritu u null u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------